MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Numru 37/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Moamr Ali Melad Eltarhuni**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fl-14 ta' Settembru 2007 kontra Moamr Ali Melad Eltarhuni li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuza lill-istess Moamr Ali Melad Eltarhuni talli (1) dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li

jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; (2) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra b'dan illi l-offiza fuq il-persuna gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem; (3) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-9 ta' Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-imsemmi Moamr Ali Melad Eltarhuni mhux hati ta' l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, ghaliex ghalkemm ikkaguna offiza ta' natura gravi bi strument li jaqta' u jniggez fl-ghonq ta' Shokri Ali Alaweni, liema offiza gabet sfregju, hu kien agixxa minhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu, u li bih unanimament sabuh mhux hati ta' l-akkuza taht it-Tieni Kap izda hati li kkaguna ferita ta' natura gravi bi strument li jaqta' u jniggez, b'dana pero` li r-reat hu skuzabbli ghaliex sar fil-waqt li hu kien taht l-influwenza mmedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu, u li b'sitt (6) voti favur u bi tliet (3) voti kontra sabuh hati ta' l-akkuza taht it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza, iddikjarat lill-imsemmi Moamr Ali Melad Eltarhuni:

(1) mhux hati skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza ghaliex agixxa fid-dfiiza legittima tieghu nnifsu;

(2) mhux hati skond it-Tieni Kap izda hati li kkaguna ferita ta' natura gravi bi strument li jaqta' u jniggez, b'dan pero` li r-reat hu skuzabbli ghaliex sar fil-waqt li hu kien taht l-influwenza mmedjata ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jsta' jqis l-eghmil tieghu;

(3) hati skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 216(b), 217, 227(c), 230(b), 232(a), 17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-artikoli 13(1) u 19 tal-Kap 66, ikkundannat lill-istess Moamr Ali Melad Eltarhuni ghall-piena komplessiva ta’ sena prigunerija, kif ukoll li jhallas is-somma ta’ tmien mija u tnejn u hamsin euro u sebgha u sittin euro centezmi (€852.67) import ta’ l-ispejjez tal-perizji, b’dan li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-gurnata tas-sentenza appellata, jigu konvertiti f’terminu ta’ prigunerija skond il-ligi. Dik il-Qorti hekk iddecidiet wara li rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u ezaminata mid-difiza, u wara li qieset is-segwenti:

**“Qieset is-sottomissjonijiet KOLLHA tal-abbli difensur Dr. Joseph Brincat, li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti :-**

**1. illi l-piena massima skond l-artikolu 216(b), 217, bl-attenwanti skond l-artikoli 227(c), 230(b) u 232(a) tal-Kodici Kriminali, hija dik massima ta’ tnejn u tletin xahar prigunerija w dik minima ta’ tliet xhur u ghaxart ijiem prigunerija;**
**2. illi minn Jannar 2007 sal-lum, meta ha l-liberta` provvizorja, il-hati ma kkommetta ebda reat iehor;**
**3. illi l-hati kellu fedina penali netta w gie deskritt minn xhud bhala ‘tifel sew’;**
**4. li kien hu stess li l-ghada tad-delitt mar ta ruhu f’idejn il-Pulizija;**
**5. li kien ikkoopera fl-investigazzjoni w fl-istqarrija tieghu qal kollox bl-aktar mod assolut;**
**6. li din il-Qorti ma hassitx li kellha taghmel domandi addizjonali lill-hati meta gie biex jinzel mill-pedana tax-xhud;**
**7. illi l-hati kien id-dar bi kwietu w l-incident li zviluppa kien wiehed fejn kellu jiddefendi ruhu;**
**8. illi altru wiehed juza sikkina gewwa daru w altru jgorrha w jiggieled biha barra minn daru.**

**"Ghalhekk il-Qorti f'dan il-kaz setghet tapplika provvediment ta' sentenza karcerarja sospiza jew addirittura provvediment skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**"Qieset dak li qal l-abbli prosekutur Dr. Maurizio Cordina illi jinsabu kollha registrati w cioe` li l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz xorta wahda kienet qed tinsisti ghall-applikazzjoni ta' piena karcerarja effettiva ghax skond il-verdett tal-gurati ntuzat sikkina b'mod vjolenti fil-konfront tal-vittma El Ghanemi w dan l-agir huwa ferm kundannabbli w kellu jigi rifless fil-piena."**

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Moamr Ali Melad Eltarhuni pprezentat fil-11 ta' Marzu 2010 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha dwar il-liberazzjoni ta' l-Ewwel Kap u (2) tirrevokaha dwar it-Tieni u t-Tielet Kap u l-kundanna ghall-ispejjez peritali; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant jghid illi l-aggravji tieghu jikkonsistu fis-segwenti: (1) dwar it-Tieni Kap (i) li l-espert tal-Qorti ma tax definizzjoni korretta ta' x'tikkostitwixxi l-id u (ii) li galadarba ma nstabx hati ta' l-Ewwel Kap ma setax jinstab hati tat-Tieni Kap minhabba n-nuqqas ta' dolo; (2) dwar it-Tielet Kap li galadarba d-difiza kienet legittima l-uzu ta' l-arma kien legittimu u allura ma kellux ikun punibbli; (3) dwar l-ispejjez peritali li parti zghira hafna mir-rapport ta' Dr. Mario Scerri kienet relevanti u, stante li qed isostni li ghandu jigi liberat mit-Tieni u t-Tielet Kapi wkoll, m'ghandu jehel xejn.

**6.** Issa, fis-seduta quddiem din il-Qorti ta' l-4 ta' Novembru 2010, l-Avukat Dottor Maurizio Cordina ghall-Avukat Generali stqarr illi d-difiza kellha ragun fis-sens illi galadarba l-appellant (allura akkuzat) ma nstabx hati ta' l-Ewwel Kap minhabba l-legittima difiza tieghu, allura jsegwi li anke fit-Tieni Kap ma kellux jinstab hati. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha prodotti waqt il-kumpilazzjoni – hadd mill-partijiet ma talab li tigi traskritta

x-xiehda li nghatat waqt il-guri – issib li stante li l-verdett tal-guri dwar l-Ewwel Kap kien fis-sens li l-appellant ma kienx hati ta' l-Ewwel Kap ghax hu agixxa minhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu, bl-intromissjoni ta' Aimen Al Ghanemi ma jistax jinghad li nbidel l-*animus* ta' l-appellant. Imbaghad ma hemm l-ebda prova li l-appellant ivvibra daqqa jew daqqiet intenzjonalment fid-direzzjoni ta' dan Ghanemi li, fix-xiehda tieghu[1], jghid li mar iferraq u "ntlaqat". Konsegwentement, kif tghid id-difiza u kif taqbel il-prosekuzzjoni, l-appellant ma setax jinstab hati tat-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza.

**7.** B'referenza ghat-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza, l-appellant isostni illi jekk l-uzu ta' arma kien legittimu allura ma kellux ikun punibbli. Jirreferi ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah** fis-7 ta' Mejju 2009. F'dik is-sentenza ntqal testwalment hekk:

**"L-artikolu 13(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta kien[2] jipprovdi li kull min 'ikollu f'idejh jew fuqu' (fit-test Ingliz 'whosoever shall carry') sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, ikun hati ta' reat kontra l-Ordinanza dwar l-Armi.**

**"Bhalma osservat l-ewwel Qorti fl-indirizz taghha, il-ligi taghmel distinzjoni fir-rigward ta' armi tan-nar u munizzjoni, u cioe` bejn min izommhom 'f'xi fond' u min 'ikollu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew ikollu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu' (artikolu 3 tal-Kap. 66). L-artikolu 13 ma jaghmel l-ebda tali distinzjoni. Dan hu hekk, pero`, mhux ghax il-legislatur ried jippunixxi wkoll min ikollu f'idejh jew fuqu sikkina f'xi fond ghal skop legittimu. Wara kollox**

---

[1] A fol. 50 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.
[2] L-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta) thassret bl-Att dwar l-Armi (Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta – Att XIV ta' l-2005), jigifieri wara d-data li fiha sehh ir-reat hawn in ezami.

**f'kull fond hemm skieken li jkollhom xafra bil-ponta u li ta' kuljum jintuzaw minn kull membru tal-familja. Ma tkun xejn aktar milli assurdita` li persuna li qieghda d-dar u li taqbad f'idejha sikkina bl-intenzjoni li taqta' l-laham jew il-hobz ikollha bzonn ta' licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija biex taghmel dan. L-istess jinghad ghal strumenti ohra bil-ponta, bhal strumenti li jintuzaw minn min jiddeletta jahdem bl-injam. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-artikolu 13 ma jistax hlief jigi interpretat li jkun hati tar-reat kontemplat fih kull min, minghajr id-debita sensja, ikun qed <u>igorr</u> (fizikament fuqu jew *'constructively'* f'vettura li huwa jkollu l-kontroll taghha) sikkina jew strument iehor, kif hemm deskritti, liema garr ma jkunx qed isir minhabba xi xoghol jew attivita` legittima li dak li jkun ikun qieghed dak il-hin iwettaq (ara wkoll l-artikolu 15(b) tal-Kap. 66), u ghalhekk indipendentement minn jekk il-garr ikunx sehh barra minn jew gewwa fond."**

**8.** L-appellant gie akkuzat permezz tat-Tielet Kap li fil-25 ta' Mejju 2006 ghall-habta tad-9.30 p.m., minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta. Issa, Shokri jghid li l-appellant hareg is-sikkina (li tintuza ghax-xoghol tat-twapet) mill-but tal-jeans. Fil-hin ta' l-incident zgur li l-appellant ma kienx qieghed iwettaq xi xoghol. Mill-banda l-ohra l-appellant jichad dan u jghid li s-sikkina kienet id-dar fejn kienu joqoghdu flimkien l-istess Shokri u l-appellant. Evidentement jekk is-sikkina kienet id-dar u l-appellant qabadha biex jiddefendi ruhu, allura ma setax jinstab hati tat-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza. Il-konflitt bejn iz-zewg verzjonijiet imbaghad mhuwiex facilment risolvibbli. Mill-istqarrija ta' l-appellant ma jirrizultax li gie mistoqsi x'ghamel bis-sikkina. Hadd mix-xhieda ma gie mistoqsi jekk il-bicciet ta' xfafar li nstabu fil-kamra tal-banju kellhomx xi relazzjoni ma' l-incident in kwistjoni. Barra minn hekk, mill-verdett raggunt fl-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza, huwa evidenti li l-gurati ma qisux il-verzjoni li kien ta Shokri bhala verosimili. Konsegwentement it-tieni aggravju qieghed jigi milqugh ukoll.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-appell tirriforma s-sentenza appellata, thassar il-verdett u dikjarazzjoni ta’ htija dwar it-Tieni Kap u dwar it-Tielet Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza, u minflok tissostitwixxi l-verdett dwar it-Tieni Kap u t-Tielet Kap billi tiddikjarah mhux hati ta’ l-imsemmijin zewg Kapi u tilliberah minnhom u minn kull piena, kompriz l-ordni ghall-hlas ta’ l-ispejjez peritali, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------